## Kampjonat 1959-60

# Jitqajjem każ ta' korruzzjoni

### It-Tnax-il Ġurnata

**30-04-1960:**
**Sliema Wdrs. FC – St. George's FC 3-1**
**H.T 1-1 Att: 2,750**
**Skurjaw: N. Mizzi (St.Geo) 1', S. Nicholl (Sl) 24' u 52' u Ġ. Muscat (Sl) 67'.**
**Referee: James Sawyer**

*Sliema Wdrs. FC*: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Rudyard Mifsud, Joe Grima, Ray Edwards, Ġulinu Muscat, Robbie Buttigieg, Maurice Walsh, Sammy Nicholl, Wally Hili.

*St. George's FC*: Pawlu Nappa, Freddie Sultana, Joe Licari, Peppi Delceppo, Leli Stivala, Ġużi 'Il-Felli' Ciantar, Mifsud, Freddie Demanuele, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Freddie Delia, Aldo Serracino Inglott.

1. Il-protesti ħorox tal-players ta' St. George's ħallew il-frott meta fit-38 minuta r-referee Sawyer ordna penalty favur Sliema hekk kif Stivala żamm b'idejh freekick ta' malajr mogħti minn Ray Edwards. Il-players Bormliżi pprotestaw minħabba li r-referee Sawyer kien għadu qed jirranġa l-barriera meta Edwards ta l-free-kick. Ir-referee rtira middeċiżjoni tiegħu u ordna li l-freekick jerġa' jingħata mill-ġdid.

2. Tliet players sfaw imkeċċija fit-tieni taqsima. L-ewwel kien Robbie Buttigieg ta' Sliema li tkeċċa fit-73 minuta wara li rritalja għall-foul ta' Ġużi Ciantar biex fl-aħħar minuti tal-partita żewġ players ta' St. George's sfaw imkeċċija – l-ewwel Mifsud fis-86 minuta u warajh Ġużi Ciantar fid-89 minuta. Ciantar kien ġie sospiż żewġ logħbiet.

3. Fir-rapport tal-partita, fuq il-ġurnal 'Il-Berqa', jingħad li l-partita tant kienet goffa li mument minnhom kien hemm tliet ġlidiet fi bnadi differenti talground waqt li fl-istess ħin partitarji ta' St. George's bdew jiġru lejn dawk tas-Sliema bil-Fire Engine tal-Pulizija tiġri warajhom biex ixxarrabhom.

4. Minbarra n-nuqqas ta' Lolly Cuschieri u Bertu Scheiner li ġew sospiżi wara mġieba ħażina filpartita kontra Hibernians, St. George's kellhom nieqes ukoll lil Karmenu Frendo li kien kiser idu l-Ħadd ta' qabel f'Għawdex waqt partita ta' ħbiberija li St. George's ta' Malta kellhom kontra St. George's ta' Għawdex. Mal-Għawdxin, li kienu għadhom kemm saru champions tatTieni Diviżjoni, lagħbu guest players il-goalkeeper John Chetcuti ta' Ħamrun Spartans u l-players ta' Floriana Żarenu Alamango, Billy Dalli u Eddie Bonnett. St. George's ta' Malta kienu rebħu 3-0.

**01-05-1960:**
**Ħamrun Sp. FC – Marsa FC 1-1**
**H.T 1-1 Att: 4,267**
**Skurjaw: o.g C. Cassar (Ħ) 50 sekonda o.g P. Mallia (M) 16'.**
**Referee: Joe Borg Guzman**

*Ħamrun Sp. FC*: John Chetcuti, John Fondacaro, George Cassar, Neville Mallia, Pawlu Mallia, Armando Drago, Pawlu Buttigieg, Bertu Calleja, Gejtu Briffa, Silvio Micallef, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

*Marsa FC*: Schembri, Sammut, Charles Cassar, Ernie Glynn, Martin Attard, Alfred Vassallo, Sunny Attard, Żaren 'In-Najs' Formosa, Freddie 'Steak' Abela, Freddie 'Is-Sir' Cauchi, Pawlu Attard.

1. Skond il-ġurnal 'Leħen is-Sewwa' il-goal ta' Marsa skorjah Freddie Cauchi.

2. Ħamrun Spartans kienu qed jilagħbu mingħajr 'In-Nenè Grech li żżewweġ f'dan l-istess jum.

3. Il-players Pawlu Buttigieg u Bertu Calleja rritornaw fit-team tal-Ispartans wara diversi xhur nieqsa meta rranġaw id-differenzi li kellhom mall-Kumitat.

4. Marsa FC informaw lill-Kunsill tal-MFA li kienu qed jissospendu lill-goalkeeper tagħhom Salvu Alamango għal għoxrin ġurnata wara li ma niżilx għat-training u rrifjuta li jilgħab kontra Floriana, f'Jannar.

5. Erbat ijiem wara din il-partita, fil-5 ta' Mejju 1960, Freddie Abela 'L-Isteak' ħalla Malta fejn mar għal prova ma' Coventry City fl-Ingilterra. Biex mar għal din il-prova 'L-Isteak' kien sab għajnuna kbira mingħand Romeo Agius 'Il-Mosti' ex-player ta' Rabat FC u Mosta FC li issa kien qed jgħix fil-Midlands.

**07-05-1960:**
**Valletta FC – Birkirkara FC 4-0**
**H.T 1-0 Att: 1,870**
**Skurjaw: J. Urpani (V) 29' u M. Azzopardi (V) 58', 72' u 78'.**
**Referee: Carmel Galea**

*Valletta FC*: Tommy Taylor, Joe Attard, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Joe Cilia, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*Birkirkara FC*: Patist Grech, George Dalli, Leli Mallia, Carmelo Galea, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Louis Bugeja, Leli Theuma, Leli Tonna, John Micallef, Nenu Chircop, Lino Sciberras.

1. Birkirkara kienu qed jilagħbu mingħajr il-goalkeeper Nenu Bugeja u l-attakant 'Lula' Bonnici li t-tnejn kienu jinsabu mal-Armata fil-Ġermanja. Minflokhom Birkirkara daħħlu lill-goalkeeper Patist Grech u l-outside left Lino Sciberras. It-tnejn kellhom 16-il sena.

2. Players oħra neqsin għal Birkirkara kienu Lolly Borg u Norman Bell li ġew sospiżi mill-club wara li ma qagħdux għar-regolamenti.

3. Joe Grech 'It-Tichy' irritorna ma' Valletta wara assenza twila. L-aħħar li lagħab ma' Valletta fil-kampjonat kien fl-istaġun 1956-57 fit-telfa ta' 2-0 kontra Sliema Wanderers tas-6 ta' Jannar 1957.

4. Il-partita bdiet fil-5.00 p.m biex id-dilettanti jkunu jistgħu jaraw il-Final tal-FA Cup bejn Wolves u Blackburn Rovers li kellha tibda fit-2.45 p.m u li kienet ser tintwera diretta permezz tal-Eurovision.

**08-05-1960:**
**St. George's FC – Ħamrun Sp. FC 4-2**
**H.T 2-1 Att: 3,826**
**Skurjaw: E. Mizzi (S) 15', N. Mizzi (S) 31', C. Grech (Ħ) 41', Attard (S) 67', E. Mizzi (S) 81' u F. Borg (Ħ) 87'.**
**Referee: Salvu Pirotta**

*St. George's FC*: Pawlu Nappa, Joe Licari, Aldo Serracino Inglott, Freddie Delia, Freddie Sultana, Peppi Delceppo, Leli Stivala, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Freddie Demanuele, Attard.

*Ħamrun Sp. FC*: Ronnie Farrugia, Mifsud, Johnnie Fondacaro, Neville Mallia, Pawlu Mallia, Armando Drago, Pawlu Buttigieg, Bertu Calleja, Carmelo 'In-Nene' Grech, Freddie 'It-Tirjule' Borg, Freddie Galea.

1. Ħamrun Spartans ma setgħux jinżlu bl-aħjar formazzjoni tagħhom meta Twanny Cassar 'Il-Ginger' u l-goalkeeper Johnnie Chetcuti kienu jinsabu fl-Afrika ta' Fuq mat-team tal-Armata 1st L.A.A (Light Anti-Aircraft) Regiment. Min-naħa tagħhom St. George's kellhom lill-players Bertu Schreiner u Lolly Cushcieri sospiżi minħabba l-inkwiet li kien inqala' fil-partita kontra Hibernians, lill-players Mifsud u Ġużi Ciantar sospiżi wara li tkeċċew kontra Sliema Wanderers u lill-players Salvu Scicluna, Karmenu Frendo u Ġużi Mizzi nieqsa minħabba li kienu mweġġa'.

2. Fis-16-il minuta r-referee Pirotta ċaħħad lill-Ispartans minn penalty ċar meta Freddie Sultana ta' St. George's deher jikklerja cross ta' Freddie Borg b'idejh fi throw-in. Ħamrun ingħataw it-throw-in. Erba' minuti wara għal darb'oħra r-referee Pirotta reġa' żbalja meta kkonvalida goal ta' Freddie Borg ta' Ħamrun li deher f'pożizzjoni ċara ta' offside. Il-goal tħassar wara li l-linesman baqa' jxejjer il-bandiera għall-offside.

3. Ħamrun Spartans daħħlu protest kontra r-riżultat tal-partita meta sostnew li r-referee Salvu Pirotta ma kienx mentalment ippreparat tajjeb biex jikkontrolla l-logħba wara dak li ġara ftit minuti qabel il-bidu tal-konfront. Fil-fatt eżatt qabel il-kick-off is-Segretarju tal-MFA Eugenio Bo-

nello daħal fid-dressing-room tar-referee Salvu Pirotta fejn tah l-aħbar li s-Segretarju ta' St. George's is-Sur M. Debono kien għadu kemm qallu li r-referee ġie mixtri minn persuni magħrufa fil-Ħamrun. Din l-informazzjoni kienet waslet għand il-kumitat ta' St. George's mingħand il-player tagħhom Eddie Mizzi. L-Ispartans sostnew li minkejja din l-aħbar xokkanti li kien irċieva, ir-referee Pirotta xorta waħda għażel li jikkontrolla l-partita.

4. Il-protest tal-Ispartans kien ġie diskuss waqt Laqgħa tal-Kunsill tal-MFA tal-Ħamis 19 ta' Mejju, f'Laqgħa li damet sejra tliet sigħat. Is-Segretarju tal-MFA Eugenio Bonello spjega li hu ħassu fid-dmir li jkellem lir-referee qabel il-partita wara li l-President ta' St. George's in-Nutar Sciberras infurmah li l-player Oreste Debono tas-Sliema qal lill-player ta' St. George's Eddie Mizzi li jilgħab jew ma jilgħabx tajjeb mhux ser tagħmel differenza għax xi nies mill-Ħamrun kienu xtraw lir-referee u lill-players sħabu Nappa, Stivala u Nenu Mizzi.

Eugenio Bonello kompla jgħid li quddiem il-linesman Galea hu staqsa lir-referee jekk ġiex avviċinat. Pirotta ċaħad li xi ħadd kellmu u qal li la darba kellu kuxjenza safja ma kellux għalfejn jitlaq l-inkarigu tal-logħba. Wara tela' jixhed ukoll ir-referee Pirotta li qal li hu kien kalm u ma ġiex effetwat b'dak il-kliem li kien qallu s-Segretarju tal-MFA. Ir-referee Pirotta qal li hu ma tax penalty favur Ħamrun minħabba li ġġudika li kien handsball aċċidentali. Fl-aħħar tela' jitkellem Oreste Debono, player ta' riserva ta' Sliema Wanderers u ħabib ta' Eddie Mizzi, li ċaħad li qatt xi darba qal dak il-kliem lil Mizzi. Il-protest tal-Ispartans ma ġiex milqugħ b'għaxar voti kontra wieħed.

5. Din kienet l-aħħar partita tal-kampjonat għal Ħamrun Spartans fejn temmew l-impenji tagħhom bla rebħa iżda b'seba' punti minn seba' draws biex spiċċaw punt fuq Birkirkara FC u evitaw ir-relegazzjoni. F'dan l-istadju però, huma kienu għadhom ma jafux jekk salvawx meta Birkirkara kien għad baqagħlhom żewġ logħbiet biex itemmu l-impenji tagħhom – kontra Floriana u Sliema Wanderers. Il-Karkarizi spiċċaw biex tilfu dawn iż-żewġ konfronti u sfaw relegati wara tmien snin jilagħbu fl-ogħla Diviżjoni. L-Ispartans b'hekk huma l-uniku team fl-istorja li ma kisibx rebħa f'kampjonat sħiħ iżda xorta ma sfawx relegati.

6. Fi tmiem il-partita il-players tal-Ispartans ġew attakkati mill-partitarji tagħhom stess.

Ħamrun Sp. FC lagħbu żewġ partiti aktar u temmew l-impenji tagħhom għal dan l-istaġun. St. George's FC lagħbu partita aktar. Valletta FC lagħbu partita inqas filwaqt li Floriana FC lagħbu żewġ partiti inqas

*Klassifika*: Valletta FC u Hibernians FC 18-il pt.; St. George's FC 14-il pt.; Sliema Wdrs. FC 13-il pt.; Floriana FC 11-il pt.; Marsa FC 9 pti.; Ħamrun Sp. FC 7 pti.; Birkirkara FC 6 pti.

## It-Tlettax-il Ġurnata

**11-05-1960:**
**Floriana FC – Birkirkara FC 1-0**
**H.T 1-0 Att: 1,645**
**Skorja: T. Cauchi (F) 18'.**
**Referee: Joe Borg Guzman**

*Floriana FC*: Albert Borg, Leonard Mizzi, Fred Barry, Jimmy Farrugia, Eddie Bonnett, Freddie Vella James, Johnnie Sultana, Godwin Camilleri, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Ronnie Fleri.

*Birkirkara FC*: Joe Garrett, Pawlu Barbara, Leli Mallia, George Dalli, Leli 'Id-Diju' Borg, Louis Bugeja, Leli Theuma, Leli Tonna, Nenu Chircop, Carmelo Galea, Lino Sciberras.

1. Floriana kienu qed jilagħbu mingħajr Lolly Debattista u Żarenu Alamango li kienu jinsabu msefrin mat-team tal-Armata 1st L.A.A Regiment. Player ieħor nieqes għal Floriana kien Twanny Sultana li kien jinsab imsiefer għal btala fl-Ingilterra. Għal darb' oħra Birkirkara kienu għadhom qed jilagħbu mingħajr il-goalkeeper Nenu Bugeja u Frans 'Il-Lula' Bonnici li kienu mat-team tal-Armata fil-Ġermanja.

2. Ma' Floriana ddebuttaw Johnnie Sultana u Ronnie Fleri. Sultana huwa ż-żgħir fost l-aħwa Ritchie Sultana ta' Vittoriosa Stars, Leli Sultana ta' Hibernians u Twanny Sultana ta' Floriana.

3. Birkirkara, li kellhom bżonn rebħa biex jaqbżu lill-Ispartans u jevitaw ir-relegazzjoni u draw biex jiġu decider ma' Ħamrun, għamlu sforz qawwi biex jieħdu xi ħaġa minn din il-partita iżda kienu sfortunati li erba' tentattivi tal-attakkanti tagħhom ġew salvati minn fuq il-linja, tliet darbiet minn Leonard Mizzi u darba' oħra minn Fred Barry.

4. Wara l-partita l-attakkant ta' Birkirkara Nenu Chircop ma setax iħalli l-club minħabba li barra kien hemm jistennewh għadd ta' partitarji rrabjati. Kellha tissejjaħ il-Pulizija qabel il-player seta' joħroġ fit-tard mill-każin.

5. Din il-partita bdiet fil-5.00 p.m minħabba li fl-3.45 p.m kienet ser tintwera diretta fuq il-Eurovision it-tieni taqsima tal-partita ta' ħbiberija bejn l-Ingilterra u l-Jugoslavja.

**14-05-1960:**
**Valletta FC – Floriana FC 1-0**
**H.T 1-0 Att: 5,106**
**Skorja: F. Zammit (V) 23'.**
**Referee: Carmel Galea**

*Valletta FC*: Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Joe Cilia, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*Floriana FC*: Albert Borg, Leonard Mizzi, Pullu Mousu', Charles Galea, Fred Barry, Eddie Bonnett, Alfred Agius, Lolly Borg, Tony 'Majsi' Cauchi, Freddie Vella James, Ronnie Fleri.

1. Floriana FC għal darb'oħra kienu mingħajr il-captain Lolly Debattista u Żarenu Alamango li t-tnejn kienu jinsabu għal xahar fil-Ġermanja tal-Punent mat-team tal-Armata 1st L.A.A tar-Royal Malta Artillery (RMA). Players oħra nieqsa kienu Billy Dalli, Twanny Sultana, li kien għadu fuq btala l-Ingilterra, u Godwin Camilleri li kien kiser idu. Ma' Floriana kien qed jiddebutta Charles Galea.

2. Qabel bdiet il-partita, il-President tal-MFA Dr. Henry Copperstone ippreżenta t-Trofew tal-Footballer of The Year lill-player ta' Floriana Freddie Vella James.

**15-05-1960:**
**Hibernians FC – Sliema Wdrs. FC 2-0**
**H.T 1-0 Att: 6,138**
**Skurjaw: L. Sultana (H) 19' u F. Xuereb (H) 66'.**
**Referee: Turu Lentini**

*Hibernians FC*: Lolly Rizzo, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Renzo Coleiro, Joe 'Puskas' Muscat, Louis Theobald, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Fredu Church, Joe Cini, Jimmy Mizzi, Leli Sultana, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

*Sliema Wdrs. FC*: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Rudyard Mifsud, Salvu Bonnici, Joe Aquilina, Maurice Walsh, Ray Edwards, Sunny Chetcuti, Sammy Nicholl, Ġulinu Muscat.

1. Hibernians kienu qed jilagħbu mingħajr Sunny Anastasi li kien jinsab il-Ġermanja mat-team tal-Armata.

2. Fis-76 minuta l-espert tal-penalties Louis Theobald laqat il-lasta l-mimduda minn penalty, bil-goalkeeper Cosby jikklerja l-ballun bis-sieq.

3. Hibernians kienu rebħu s-sitt logħbiet tat-Tieni Round fejn ma sofrew l-ebda goal.

**21-05-1960:**
**Floriana FC – St. George's FC 2-2**
**H.T 2-1 Att: 1,927**
**Skurjaw: T. Cauchi (F) 4' u 28', E. Mizzi (S) pen. 40' u F. Demanuele (S) 75'.**
**Referee: Anthony Galea**

*Floriana FC*: Albert Borg, Leonard Mizzi, Fred Barry, Charles Galea, Eddie Bonnett, Freddie Vella James, Pullu Mousu', Johnnie Sultana, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Ronnie Fleri.

*St. George's FC*: Pawlu Nappa, Karmenu Frendo, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Freddie Delia, Freddie Sultana, Peppi Delceppo, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Leli Stivala, Freddie Demanuele, Attard.

1. Fred Barry weġġa' kmieni fit-tieni taqsima, biex wara li għamel ħin twil jiddewwa huwa rritorna fil-partita qabel kellu joħroġ għal kollox tmien minuti mit-tmiem fejn ittieħed l-isptar. Wara nstab li kellu l-cartilage.

2. Tliet minuti mit-tmiem Tony Cauchi deher li kien ser jikseb il-goal tar-rebħa meta hekk kif kien ser jiskorja bir-ras huwa deher jiġi mbuttat fl-ajru minn Freddie Sultana. Ir-referee Galea nduna bil-foul iżda minflok saffar għall-penalty, huwa ordna freekick indirett.

3. Id-difensur Pullu Mousù lagħab fil-pożizzjoni nsolita ta' right wing fejn kien propju minn żewġ crosses tiegħu li Tony Cauchi ta vantaġġ doppju lil Floriana.

St. George's FC u Ħamrun Sp. FC lagħbu partita aktar u temmew l-impenji tagħhom għal dan l-istaġun. Valletta FC u Marsa FC lagħbu partita inqas.

Klassifika: Valletta FC u Hibernians FC 20 pt.; St. George's FC 15-il pt.; Floriana FC 14-il pt.; Sliema Wdrs. FC 13-il pt.; Marsa FC 9 pti.; Ħamrun Sp. FC 7 pti. u Birkirkara FC 6 pti.